**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 5 - IT-TNEJN, L-1 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel, li kienu meqjusa moqrija, ġew approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-*CHAIRPERSON***

2.1. Is-Sinj. Cuomo preżentat ittra mingħand is-Sinj. Antoinette Muscat li għandha garaxx f'fond numru 64 fi Triq Anton Manwel Caruana u li b'riżultat tal-aħħar maltempata daħlilha kwantità ta' ilma. Problema simili kienet ukoll qed tkun kaġunata lil ċertu Sur Vassallo filwaqt li każ ieħor kien ġara fil-maltempata tal-2003. Il-Kumitat se jara kif jista' jsolvi din il-problema.

2.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li saret laqgħa f'BIC mas-Sur Joseph Borda mill-Ministeru tar-Riżorsi dwar diversi bżonnijiet. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll is-Sinj. Maria Vella u s-SE. Is-Sur Borda wiegħed li se jgħin kemm jista' iżda fil-preżent il-Kumitat kien għadu qed nistennew rapport dettaljat mingħandu minħabba li qed jippreparaw l-istimi.

2.3. Iċ-Chairperson infurmat ukoll li l-Kumitat kien mgħarraf li se jieħu s-somma ta' €20,000 għal proġetti speċjali għall-kisi ta' toroq skont l-applikazzjoni li kienet saret.

2.4. Is-Sinj. Cuomo infurmat ukoll li kienet qed tistenna risposta dwar jekk ix-xogħol tal-Pjazza ddaħħalx fil-baġit tal-Ministeru tar-Riżorsi.

**3. SKEMA GĦALL-INIZJATTIVI SPORTIVI**

3.1. Is-Sinj. Vella infurmat li kienet saret l-applikazzjoni taħt l-iskema għall-inizjattivi sportivi filwaqt li tat informazzjoni dwar l-inizjattivi proposti.

## 4. KORSIJIET TAL-KOMPJUTER

4.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Ray Abela ta' TCTC fejn attenda għaliha wkoll is-SE. Hija infurmat li l-aktar importanti f'dan l-istadju huwa li niżguraw il-post. Kien hemm qbil li l-unika post li fih jistgħu isiru l-korsijiet huwa fiċ-Ċentru Pastorali. Hija infurmat li fil-prinċipju l-patrijiet kienu jaqblu li jallokaw il-post iżda naturalment kontra ħlas raġonevoli.

4.2. Is-Sur Woods ippropona li l-Kumitat għandu jippjana pjan għat-tul għall-użu taċ-Ċentru ħalli, bħala Kumitat jiftiehem fuq pakkett sħiħ.

4.3. L-użu għall-korsijiet huwa ta' sagħtejn fil-ġimgħa għal sitt ġimgħat.

4.4. Kien hemm qbil li matul il-ġimgħa il-membri tal-Kumitat jippruvaw jikkalkulaw l-użu li se jkun hemm bżonn taċ-Ċentru.

## 5. ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1. Kien hemm qbil li possibilment għandu jsir xi tiżjin tal-Milied f'BIC. Is-SE se jindaga x'hemm dawl disponibbli.

5.2. Kien suġġerit ukoll li ssir kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata mżejjna għall-Milied. Kien hemm appell biex kull min, mill-membri tal-Kumitat, ikun jaf lil xi ħadd li jista' joffri xi rigali, javviċina l-Kumitat.

5.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kunsillier Clifford Galea offra li jilbes ta' Santa Klaws biex iqassam ir-rigali minn karozzin. Kien hemm qbil li din l-attività ssir nhar it-23 ta' Diċembru. Saret enfasi li possibilment m'għandux ikun hemm ħlas għall-karozzin. Ir-rigali jipprovduhom il-ġenituri tat-tfal u jitqassmu mingħajr ħlas.

## 6. INIZJATTIVA AMBJENTALI DWAR IS-SEPARAZZJONI TAL-ISKART

6.1. Kien hemm qbil li ssir attività nhar is-Sibt 27 ta' Novembru li tinvolvi lit-tfal li jduru d-djar u jiġbru skart riċiklabbli.

6.2. Se jsir tentattiv biex jinġabru sponsors bħal Wasteserv ħalli jsiru *T-Shirts* għat-tfal li jindikaw x'materjal jistgħu jiġbru.

6.3. Kien hemm qbil ukoll li kull dar li tipparteċipa għandha tingħata pakkett boroż griżi.

6.4. Dwar dan kollu għandhom jinħarġu l-avviżi neċessarji.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet mistiedna fuq it-TV u għalhekk talbet lis-SE biex jipprovdi sett ta' ritratti tax-xogħlijiet.

7.2. Kien hemm qbil li l-iskips tal-*Bring In Site* ta' Triq Qalet Marku jitneħħew u minflok jitpoġġew fil-parti fejn ġiet irranġata l-bankina fi Triq A M Caruana.

7.3. Dwar il-fuljett is-Sur Woods informa li kien inqabad bix-xogħol iżda se jagħmel dak kollu possibli biex ilestih kemm jista' jkun malajr. Is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Website tal-Kunsill kien se jkollha paġna fuq BIC u għalhekk talbet biex kull membru jibgħat *resumè* tiegħu/tagħha lis-SE.

7.4. Se jkun hemm quddiesa l-Ħamis ta' dik il-ġimgħa fil-Parroċċa tal-Għargħur bil-preżenza tal-Arċisqof fejn il-membri kollha kienu mistiedna li jattendu. Is-Sinj. Cuomo infurmat li hija inzertat se tkun Għawdex u għalhekk ma kinitx se tattendi.

7.5. Meta mistoqsi dwar jekk irċeviex xi konferma dwar il-ħlas għall-Artwaste is-SE informa li sa dak inhar kien għadu ma rċieva xejn.

7.6. Is-Sur Bonello ssuġerixxa li jkunu organizzati korsijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà jew kif ir-riżorsi fid-djar jistgħu ikunu utilizzati aħjar. Kien hemm qbil li jkellem lil xi ħadd li jista' jmexxi korsijiet simili.

7.7. Meta kien mistoqsi dwar meta se jitwaħħlu d-*doggy bins* is-SE informa li kien għad hemm ħafna xogħol b'lura u ma setax jikkonferma meta setgħu jitwaħħlu. Il-Kumitat laqa' offerta tas-Sur Bonello li jinstallahom huwa stess.

7.8. Is-Sinj. Muscat staqsiet dwar jekk sarux il-proposti tat-traffiku f'direzzjoni unika. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet se tressaq il-proposti lis-SE u possibilment ikunu diskussi ma' TM.

7.9. Is-Sinj. Muscat semmiet il-problema li qed ikun hemm ta' sadd fil-bankina ħdejn tal-gabbana u kif din qed tostakola l-passaġġ tal-ilma tax-xita. Din il-parti tinsab eżatt bejn il-gabbana u Ronnie's Bar. Kien hemm qbil li jsir rapport dwar dan lil TM.

7.10. Is-Sinj. Muscat tkellmet ukoll dwar il-problema tal-iskips ta' faċċata tal-Knisja. Kien hemm qbil li possibilment għandhom jinġiebu l-*Green Wardens* iżda preferibilment wara li nkunu nafu r-riżultat tal-prova ta' dawn mill-Kunsill fuq partijiet oħra.

7.11. Issemmiet ukoll il-bankina li kienet issewwiet temporanjament fi Triq A M Caruana fejn intqal li saret aktar perikoluża. Is-SE kien mitlub jieħu l-passi meħtieġa.

7.12. Is-Sur Woods appella biex il-Kumitat janalizza x'għamel f'dawn il-ftit ġimgħat. Kien hemm qbil li diġà kien jinħass li sar progress u dan kien anki rifless mill-kummenti tar-residenti.

7.13. Inġibdet l-attenzjoni min-nuqqas ta' attenzjoni tal-ġonna fejn sar appell biex tittieħed azzjoni. Is-SE fakkar li fil-preżent il-Kunsill kien wasal biex jibda jevalwa l-offerti u għalhekk kien qiegħed jittama li dan iwassal biex eventwalment is-sitwazzjoni titjieb.

7.14. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kien hemm l-appell dwar żvilupp ippjanat fil-*Camp Site* mill-iScouts ta' B'Kara. Dan se jinstema fl-10 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li bħala Kumitat għandu jieħu pożizzjoni kontra l-iżvilupp. Is-Sinj. Cuomo infurmat li hija, flimkien mal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami se tattendi għal dan l-appell.

7.15. Kienu rrappurtati bozoz maqtugħin fi Triq l-Imsaqqfin u wkoll bozza fit-*traffic island*.

7.16. Is-Sinj. Cuomo innutat li kienet rat xi marki ħomor fit-toroq u staqsiet lis-SE jekk kellux xi informazzjoni. Is-SE wieġeb li ma kellux ħjiel tagħhom.

7.17. Is-Sinj. Cuomo infurmat li, minkejja li sar tentattiv, ma kienx hemm ċans li tkun organizzata attività b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

7.18. Isemmiet il-bżonn ta' bozza ġdida fi Triq Qalet Marku. Is-SE talab li jkollu ritratt ta' fejn qiegħed ikun propost id-dawl ġdid.

7.19. Iċ-Chairperson fakkret li hemm bżonn li tittieħed azzjoni u jsir xogħol ta' rranġar fi Triq id-Dwieli ħalli t-triq tkun kompluta.

7.20. Is-Sur Bonello informa li parti mit-triq fi Triq l-Imsaqqfin, quddiem id-daħla tat-trejqa fl-istess triq, kienet imniżżla u eventwalment jeħtieġ li tiġi rranġata.

## 8. TMIEM IL-LAQGĦA

8.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru fil-5:30pm.

8.2. Il-laqgħa intemmet fis-7.05pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |

A

A